MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2177/2004

**Express Trailers Ltd**

**vs**

**Karl Stagno Navarra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) rappresentanti valur ekwivalenti ta' flus li gew mislufa lill-konvenut fis-17 ta' Marzu 2004 u kellhom jigu restitwiti sa mhux aktar tard mill-24 ta' Marzu 2004 u dana ai termini ta' skrittura privata datata 17 ta' marzu 2004 (Dokument A anness ma'l-avviz).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Marzu 2004, kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Marzu 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------